

# Tifkiriet mill-Imgħoddi

Anton Mifsud



Bil-progress kollu li sar mal-milja tas-snin, meta aħna l-anzjani nħarsu lura naraw kemm il-ħajja kienet sempliċi meta konna żgħar, fit-tfulija u ż-żgħożija tagħna. Għalkemm konna nieqsin mill-kumditajiet ta' dawn iż-żminijiet, biss kellna l-aqwa ħaġa: konna ħienja, ferrieħa, sinċiera u wkoll innoċenti, bil-wisq aktar mit-tfal u n-neputijiet tagħna. Fil-ħajja mgħaġġla li qegħdin ngħixu illum, dawn id-doni żgur li huma neqsin mit-tfal u żgħażagħ tal-lum. Billi dawn qed jikbru malajr wisq u anqas biss qed jindunaw kif ħarbitilhom it-tfulija, iż-żgħorija u ż-żgħożija tagħhom.

Illum waqt li ngħaddi minn dawk it-toroq li trabbejt fihom, inħoss nostalġija kbira meta ma narax tfal jilgħabu f'dawn it-toroq u nistaqsi lili nnifsi 'Fejn huma tfal tal-lum?' Tgħid qedin iċċassati lejn it-televiżjoni jew jilagħbu quddiem il-kompjuter.

Aħna konna nqattgħu ġranet sħaħ niġġerrew barra fit-toroq mat-tfal tal-ġirien u l-ħbieb tagħna. Hemm konna nivvintaw kull xorta ta' logħob, basta niġru u naqbżu ħielsa u ferrieħa. Xi tfal kienu aktar fuq ruħhom minn oħrajn, tant li l-anqas ħawwiefa ma kien jħallu għall-affari tagħha. Kemm konna naraw **Ħawwief** għaddej mit-toroq tagħna, meta t-temp kien ikun dak ta' ċlampu bix-xita mdendla, dawn kienu jittajru daqqa għaddejjin iħokku mal-art b'veloċità kbir u wara jittajru minn fuq rasna. Kont tara xi tfal b'kartuna mwaħħla ma qasba, jistennew xi ħawwiefa ġejja in-naħa tagħhom u arhom ixejjruha bis-saħħa forsi jaqbdu xi waħda, iżda din kienet tiżgiċċa b'ħeffa kbira. Xejn ma baqa' minn dan kollu u fejn huma dawk il-**Friefet il-Lejl** li waqt l-għabex meta jkun qed jidlam f'xi lejla sajfija, minnhom konna naraw ħafna jittajru qishom bla direzzjoni ma' xi lampa tal-elettriku li kienu jdawlu t-toroq tagħna matul il-lejl.

Dak iż-żminijiet it-toroq tagħna kienu ħielsa mit-traffiku li llum joħnoq kull triq. L-aktar li kienu jterrqu fl-irħula, kienu l-bhejjem bħal ħmir, żwiemel, bgħowla u xi nies għaddejjin bir-rota jew b'xi karrettun tal-idejn mimli bil-prodotti għall-bejgħ.

Ma kellniex is-swieq kif nafuhom illum armati sa ruħ ommhom darba fil-Ġimgħa jew aktar f'kull belt jew raħal ta' Malta u Għawdex. Dawk iż-żminijiet tas-snin ta' wara l-gwerra, l-akkwist tal-bżonnijiet għall-familja kien isir ta' kuljum mingħand bejjiegħa ta' kull xorta ta' affarijiet kemm tal-ikel kif ukoll dawk utili għad-djar. Dawn kienu jiġu fit-toroq bil-karettun miġbud minn xi bhima, waqt li minn kull fejn jgħaddu jiftħu ħanxra daqshiex biex iħajjru lin-nies joħorġu minn djarhom u jixtru mill-prodotti li jkollhom.

Ikun ta' nteress li naraw xi wħud minn dawk li kienu jiġu mat-toroq joffru xi servizz jew ibiegħu dawk il-prodotti li n-nies kienet tikkonsma:

## Tal-Ħobż

Għalkemm **fran** kien hawn ħafna minn fejn konna nixtru l-ħobż, biss wara nofsinhar kien jiġi wieħed b'kaxxa kbira qisha gwardarobba fonda fuq karettun, din kienet ta' kulur isfar

ċar jgħati fil-krema u fuq kull naħa kellu miktub "G*OOD BREAD*". Il-ħobż kien jinbiegħ bl-użin tant li jekk ħobża ma jkollhiex l-użin eżatt kien jaqtagħlek u jagħtik ġonta.

Il-fran matul il-Ġimgħa kienu jaħmu l-ħobż iżda fil-Ħdud kien jqabbdu u jsaħħnu l-forn għax-xitwa. Il-Ħadd filgħodu kont tara ħafna nies għaddejjin bid-dixxijiet tal-patata, ross jew imqarrun joħduhom għand tal-forn sabiex jaħmihomlhom, sintendi wara l-ħdax kont tarahom sejrin jiġbru lura d-dixxijiet, bl-ikel lest għall-pranzu tal-Ħadd mal-familja.

## Tal-Ħaxix u l-Frott



Dawn kont tarhom ġejjin iduru mat-toroq b'karettun miġbud minn xi żiemel jew ħmar, mimli sa ruħ ommu b'kull xorta ta' ħaxix u frott tal-istaġun, kollox frisk għadu ġej mill-għalqa jew mill-pitkalija. Kien ikollhom miżien u użin tal-metall bħal wiżna, ratlejn, ratal, nofs ratal, kwart, uqija eċċ. Trid tara n-nisa tad-djar kif kienu jduru magħhom jixtrulek dak li jkollhom bżonn għal-familja, xi ratal ful jew qarabgħali 'nkella xi pastarda, kabocċa jew xi wiżna patata. Il-bejjiegħ kien ikollu sikkina kbira u tarah iqatta' biha xi felli qara' ħamra, jekk ma jaqsamlekx xi bettieħa jew dulliegħa u jdewwaqlek biċċa biex iħajrek tixri.



## Tal-Ħut

Dawk li jbiegħu l-ħut, kienu jiġu b'karettun tal-idejn jew b'xi kavetta fuq rashom. Dawk li jiġu bil-karettun, fuqu kien ikollhom aktar minn kavetta waħda li fihom ikun hemm varjetà ta' ħut, miksijin bis-silġ imfarrak fuqhom sabiex iżommu friski. Arhom jieqfulek f'xi kantuniera u billi l-għajta nofs il-bejgħ kien jiftaħ ħanġra daqshiex "Lampuki ħajjin" jew "ħoxna l-vopi". In-nies kienet toħroġ biex tara għandhomx xi ħaġa jgħodd għalija. Għadni nara quddiem għajnejja dak ir-raġel imdaħħal ftit fiż-żmien, il-'Ħa Ħaj' li kien mis-Siġġiewi, ġej dritt minn Għar Lapsi bir-rizzi u mħar jekk mhux wkoll xi erba' ħutiet minn tal-qiegħ tajjeb għall-aljotta u b'riħa ta' baħar jaqsam.

## Tat-Tut u tal-Kappar



Dak li jbiegħ it-tut kien ikollu wkoll għal bejgħ iċ-ċawsri. Kien iġorrhom ġo diversi qfief tawwalin qishom meżeż żgħar imma ġejjin għat-tul. Iġorr miegħu wkoll ftit weraq ħodor tad-dwieli, kemm biex iżejjen il-prodott u anke biex minn ma jkollux xi reċipjent, kien ipoġġilu t-tut jew iċ-ċawsri li jkun xtara fuq werqa jew tnejn. Dan kellu għajta partikulari: "Żabbarija it-Tut".



Waqt li l-għajta ta'dak li jbiegħ il-Kappar kienet: "Min jieħu xi Kejla Kappar?". ġeneralment dawk li kienu jiġi jbiegħu il-kappar kienu jkunu nisa. Dawn kien ikollhom barmil fuq rashom mimli bil-kappar u biex ikunu jistgħu jibbilanċjawh u ma jweġġgħalhomx rashom, kienu jużaw il-kawara.

Bil-barmil fuq rashom ukoll, kienu jiġu dawk in-nisa li jbiegħu l-**ġbejniet friski** waqt li f'idejhom kienu jżommu qoffa mimlija **bajd** u xi **ġbejniet nixfin,** imqarstin kwart, kwart ġo karti strazzi. Dawn kien ikollhom il-klijenti lesti, billi kienu jħabtu fuq xi biebin u min jiftaħ l-aktar meta jkun tfal jinstemgħu jgħajtu "Ma hawn tal-ġbejniet".



## Tal-Ħalib

Kull filgħodu jduru mar-raħal konna naraw irġiel b'xi tużżana mogħoż quddiemhom waqt li jgħajjat "hawn tal-ħalib sinjura". In-nies toħroġ b'xi bott jew tazza kbira u titolbu jagħtiha b'żewġ soldi u tgħidlu "tatinix ftit". Arah jinżel kokka wara denb il-mogħża u jibda jaħleb il-ħalib, li kien jinżel bis-saħħa u jtella' ħafna ragħwa.

## Tal-Bajtar tax-Xewk

Għal Awwissu/Settembru kien jiġi jżurna raġel b'karettun miġbud minn ħmara żgħira, fejn fuqu kien ikollu xi banju jew tnejn mimlijin bl-ilma, ġo fihom ħafna bajtar tax-xewk imxarrab sew. Malli jindunaw bih jibdew ħerġin xi nisa bi platt jew xi dixx f'idejhom u hu jibda jqaxxar il-bajtar u jitfalhom xi tużżana jew aktar skont kemm kienu jitolbuh. Kien ikollu xi riċipjent bħal landa kbira fejn fiha jitfa l-qxur.

## Tal-Karawett

Kull filgħaxija meta jkun qed jidlam, kont tara jduru minn ħanut tal-inbid għall-ieħor bi xkora żgħira fuq spallithom jgħidu "hawn tal-karawett" u dawk li jkunu fil-ħanut jieħdu xi pinta nbid jew xi te, joħorġu xi sold jew tnejn u l-*boy* inewlilhom il-karawett ingaljat. Kien jiġi wkoll raġel b'żewġt iqfief fuq dirajgħ, f'waħda jkollu l-karawett u fl-oħra ċ-ċiċri tal-lvant, u ful ingaljat anke xi ħelu għat-tfal li jkunu ma' missierhom fil-ħanut.

## Tal-Pastizzi

L-aktar lejn in-naħa tal-pjazza kont matul il-jum, imma l-aktar fil-għaxijiet kont tiltaqa' ma' dak li jbiegħ il-pastizzi. F'qoffa kien ikollu dawk tal-piżelli u f'oħra jkollu tal-irkotta. Kultant kien jiftaħ ħanxra daqshiex u jgħajjat "ġobon u laħam" jew "sħan u tajbin". It-tfal arahom jitkarrbu lill-ġenituri tagħhom sabiex jixtrulhom. Kien hemm ukoll min jieħu xi erba' pastizzi d-dar għal tal-familja.



## Tal-Pitrolju

B'tank kbir ta' lewn ċelesti fuq karettun miġbud minn żiemel kien jiġi dak li jbiegħ il-Pitrolju. Fuq wara tat-tank kien ikollu vit li meta jiftaħlu jibda ħiereġ il-pitrolju għal ġo riċipjenti tal-landa li kienu l-għodda ta' dan il-bejjiegħ. Dawn il-laned kif konna nsejħulhom kienu ta' diversi kejl: taż-żewġ galluni, tal-gallun jew nofs gallun, kien juża' ukoll aktar minn qies wieħed ta' lembut, sabiex ikun jista' jferra l-pitrolju għal ġor-reċipjenti tal-klijenti. Dak iż-żmien ix-xerrejja kienu numerużi, billi dan kien kważi l-uniku mezz barra l-ħatab li l-familji kien ikollhom biex isajru bih. Kien ukoll jintuża' ħafna għat-tindif kemm tal-pnieżel li jkunu biż-żebgħa, kif ukoll biex inadfu xi

magna u l-idejn maħmuġin biż-żejt ta' xi mekkanik. Anke għal muturi tal-ħart jew ta' xi dgħajsa għax il-pitrolju kellu u kien ta' bosta użu, kemm għat-tisjir kif ukoll għal xogħol ieħor. Dan il-bejjiegħ, kien ikollu wkoll għal bejgħ ġol-flixken, spirtu tal-ispiritiera, spirtu tal-melħ għat-tindif tal-fliskatur tat-toilet (min kien ikollu), kif ukoll flixken bid-diżinfettant għall-ħasil tal-art bħal kriżoll.

## Il-Landier

Darba kultant, kont tilmaħ raġel għaddej mit-triq tagħna b'kaxxa ftit kbira tal-injam imdendla ma' spalltu bi speċi ta' ċintorin wiesa' u xi folja jew tnejn taż-żingu mibrumin taħt aptu. Isiblek xi kantuniera, mill-kaxxa joħroġlok l-ispiritiera u xi għodda bħal saldaturi, stann, imqassijiet biex jaqta' landa, xi martell eċċ. U sakemm jiġu l-klijenti kien ipoġġi bil-qiegħda fuq il-kaxxa tal-injam. "Hawn il-Landier" kienu jgħidu n-nies kif jindunaw bih u arhom ġejjin bil-borom, kazzoli u xi affarijiet oħra għat-tiswijja. Arah b'sengħa kbira jistanja u jsoddilhom it-toqob, biex jerġgħu jintużaw, jekk ikun hemm bżonn anke jibdlilhom xi qiegħ. Aħna t-tfal kien ikollna xi bott miftuħ minn naħa waħda konna noħduhulu sabiex jagħmlilna widna miegħu u nkunu nistgħu nużawh għat-tè jew kafè.

## Is-Sennien tas-Skieken

Dan kien jiġi bil-ħmar, jiġbed karettun speċjali armat b'mola jew tnejn li fuqhom kien isinn is-skieken u l-imqassijiet. L-għajta tiegħu kienet tkun "**Imqassijiet** u **Skieken, min isenn"**. Il-mola kien ikollha magħha ċinga li tkun imqabbda ma' apparat li jħaddmu b'siequ. B'hekk il-mola kienet iddur u r-raġel jgħaddi ix-xifer tas-sikkina mal-mola u minn ħin għall-ieħor ixarrabha bl-ilma biex ma tisħonx iżżejjed. Kien ikollu wkoll xi għodda żgħira bħal lima jew tnalja li biha jissikka xi mqassijiet li jkunu laxki.

## Tal-Gazzetti

Għadni niftakar lil Ġużeppi li għalkemm kellu ftit ta' diżabiltà kien raġel bieżel ferm. Filwaqt li filgħaxija kien ibiegħ il-karawett, filgħodu kien ibakkar kmieni jdur mar-raħal ibiegħ il-gazzetti, l-aktar '**Il-Berqa'** li kienet l-aktar gazzetta popolari fost il-Maltin. Billi dan kellu l-abbonati kont taraħ imur iqassamielhom wara l-bieb.

Dawk iż-żminijiet ukoll kienu jiġu xi ġuvnotti jwasslu il-**Faxxikli tar-Rumanzi** lil dawk li kienu jkunu delettanti tal-qari bil-malti l-aktar tar-rumanzi. Dawn kienu jiġu ngħidu aħna kull ġimgħatejn u l-prezz kien ikun ta' żewġ jew tliet soldi kull faxxiklu.

## Tat-Tank

Billi d-dranaġġ kien għadu ma' wasalx f'bosta toroq tar-raħal u għal min ma kellux fossa fejn jarmi l-ilma maħmuġ eċċ, filgħodu ftit wara li titla' ix-xemx kien jiġi raġel li kienu jgħidulu 'Ir-raġel tat-Tank'. Dan kien jiġi b'karettun li fuqu kien ikollu tank kbir u l-għajta tiegħu kienet **"Hawn tat-Tank"**. Hemm jibdew ħerġin in-nies bil-bramel u s-sloppijiet mimlijin bil-materjal u skart naturali li l-bnedmin kienu jipproduċu matul il-lejl jew ma' sbieħ il-jum. Ir-raġel kien ikun ma ġenb it-tank fuq il-karettun li kien ikun miġbud minn żiemel, jieħu r-riċipjenti mimlijin minn idejn in-nies u jiżvojthom għal ġot-tank.

## It-Terra Maxka

Għal dik il-Ġimgħa tal-festa kienet tiġi tiġġerra mat-toroq it-terremaxka. Kelma mnissla minn 'Kitarra maġika'. Kienet tkun kaxxa kbira kollha disinji kkuluriti miġbuda minn poni. Sidha kien jagħtiha l-ħabel u tibda ddoqq mużika ferriħija u melodjuża ferm.

Trid tara lilna t-tfal li l-ors tagħna kien ikun l-ewwel niċċassaw lejha u wara nibdew naqbżu u nduru magħha. Fuq quddiem kien ikollha xi bnadar żgħar ikkuluriti u fuq il-kaxxa xi pupi jduru mal-mużika. Meta sid it-terra maxka jara li nġemgħu ħafna nies joħroġ bi plattina f'idu jiġbor xi ħaġa tal-flus.

Interessanti li issa naraw min aktar kien jiġi joffri serviżż f'dawk iż-żminijiet:

Meta kien ikun qed joqrob is-Sajf kont tisma' lil Ġorġ jgħajjat "**Hawn tal-ġelat".** Dan kien jiġi bi poni sabiħ b'rixa twila fuq ras il-poni bejn widnejh u kien jiġbed kaxxa bir-roti li ġo fija kien ikollu żewġ bziezen bil-ġelat, b'togħmiet differenti. B'sold kien jaqsam gallettina u jtik il-ġelat fuqha.





*It-Terramaxka minn quddiem (fuq) u minn wara (isfel)*

Darba kull xahar kien jiġi raġel iħabbat il-bibien jgħidilhom "tar-Rediffusion**",** billi kien jiġi jiġbor il-kera tas-set. In-nies kienet tħallas nofs lira fix-xahar tas-servizz tal-kaxxa tar-redifjuxin u min-naħa tiegħu kien iħalli rċevuta żgħira ta' kulur isfar bħala sodisfazzjon lill-familja li għal dak ix-xahar il-kera kienet imħallsa.

Ġieli wkoll kien jiġi wieħed idur it-toroq b'ħafna kuruni tar-Rużarju fuq dirajgħ.

F'idu kien ikollu tnalja tal-ponot li biha jissensel xi kuruna. Malli joqrob lejn xi nies jitkellmu kien jieqaf jistaqsihom jekk iridux xi kuruna jew jekk kellhomx xi waħda għat-tiswija.

Mhux ta' min iħalli barra xi nies prominenti li kienu jagħtu servizz utli ferm lill-poplu Żebbuġi f'dawk s-snin ta' wara l-gwerra u fis-snin ħamsin u sittin tas-seklu għoxrin.

It-tabib Serafin Tanti li bi nhar u bosta drabi anki matul il-lejl kien imur għand il-familji li kienu jitolbu s-servizz tiegħu, għax kien ikollhom lil xi ħadd marid. Warajh ġew it-tabib John Muscat, it-tabib Mario Tua u t-tabib Kalċidon Zammit li ukoll kellu xi klijenta f'Ħaż Żebbuġ.

L-ispiżjara, is-Sur George Mallia u s-Sur Dante Bonnici kienu jkunu ta' għajnuna ferm utili għal familji dak iż-żmien. Billi l-mediċini ma kienux jiġu ppakkjati fil-kaxxi lesti u terġa' ħafna mill-popolin kienu bla skola, dawn kien jkewsu u jħaltu xi mediċini u xi ngwent billi kienu jużaw il-meries.

Imbagħad kienet tkun imfittxija ferm il-qabla, il-majjistra, billi f'dawk iż-żminijiet it-trabi kollha kien jitwieldu fid-dar fejn kienet tgħix l-omm futura. L-aktar tnejn popolari li kienu jagħtu servizz lin-nisa tqal li jkunu waslu biex iwelldu kienu joqgħodu t-tnejn mal-ġenb tal-knisja, waħda quddiem



l-Oratorju u l-oħra fuq in-naħa l-oħra, quddiem l-istatwa ta' San Ġużepp li hemm mazzuntier.

Kien ikun hemm bosta nies oħra li kienu joffru xi servizz, bħal l-Iskarpan, dawk tal-ħwienet tal-merċa, tal-fajjenza, tal-laħam kif ukoll dawk tal-ħwienet tat-te jew tal-inbid li f'dawk iż-żminijiet kienu numerużi.

## Il-Vjatku

Ma nistax ma nsemmix lil wieħed qassis li kien ta' servizz kbir lill-parruċċani kollha ta' Ħaż Żebbuġ. Dun Loret Callus li fi tfuliti kien Viċi-Arċipriet. Kont tarah iterraq mar-raħal kollu, jżur il-morda u l-anzjani li kienu jgħixu weħedhom. Meta jinduna li jkun hemm xi marid magħdur arah isejjaħ il-Vjatku.

Ikun xi jkun il-ħin, xita jew xemx, ksieħ, bard jew sħana, l-Vjatku kien joħroġ xorta. Mat-tokki tal-qanpiena, tlett tokki kull darba, in-nies kienet tinduna li ser joħroġ il-Vjatku, għalhekk min jista' kien jitlaq kollox minn idejh, jilbes xi ħaġa xierqa u jerħila bilġri għall-knisja. Aħna tfal, min kien ikollu fanal tal-vjatku d-dar, ilestilu x-xema u jitlaq malajr għall-knisja, tfal oħra li ma kellhomx fanal personali tagħhom, jaħarbu jiġru lejn il-knisja billi s-sagristan kien ilesti l-fanali tal-parroċċa u dawk li jilħqu l-ewwel jieħdu fanal.

F'temp ta' ftit minuti kollox ikun lest. Dun Luret ilesti ż-żejt tal-griżma tal-morda, jiftaħ it-tabernaklu sabiex jieħu Ostja kkonsagrata, jintona innu u tibda ħierġa l-purċissjoni. Fuq quddiem tifel bil-bandalora ż-żgħira u ieħor bil-qanpiena f'idu, jibda jdoqqha tul it-triq kollha biex javża lin-nies li jkun ġej il-Vjatku. Aħna t-tfal maqsumin f'żewġ ringieli u warajna jimxi fin-nofs, is-saċerdot bis-sagrament, waqt li fuq naħa ikun hemm raġel iżomm umbrella fuq is-saċerdot u fuq in-naħa l-oħra raġel ieħor ikollu f'idejh bħal speċi ta' tabernaklu żgħir fejn fih ikun hemm iż-żejt tal-griżma tal-morda. Wara dawn kienu jimxu n-nies, kulħadd jitlob għall-persuna moribonda sakemm jaslu d-dar tagħha. Meta s-servizz fid-dar tal-moribond jintemm, il-purċissjoni terġa' lura lejn il-Knisja.

## Il-Karru tal-Mejtin

Il-fuq minn għoxrin sena ilu, dawk l-individwi li kienu jmutu d-dar tagħhom, għall-funeral mill-knisja kienet toħroġ purċissjoni bl-istandarti tal-fratellanzi. Kienu joħorġu standarti skont kemm il-mejjet ikun ipprofessa fi fratellanżi matul ħajtu. Lura għall-knisja t-tebut bil-mejjet kien jitwassal fuq l-ispallejn, bil-qraba u ħbieb jimxu f'korteo wara l-purċissjoni. Iżda min kien imut l-isptar, kien jitwassal sal-knisja tal-parroċċa fejn ser issir il-funzjoni funebri fuq karru. Dan il-karru li kien ikun tassew sabiħ u artistiku, it-tebut kien jitpoġġa ġol-karru li kien ikollu l-ħġieġ u kien jinġibed minn żewġt iżwiemel kbar suwed. Il-kuċċier kien jilbes l-iswed bit-tomna u s-surtun. Għat-tfal żgħar il-karru kien ikun iżgħar u ta' kulur abjad, imżejjen b'erba' anġli żgħar ma' kull kantunuiera tal-karru. Għal quddiesa funebri, iċ-ċelebrant u s-saċerdoti li jkunu qed jieħdu sehem fil-quddiesa kienu jilbsu l-iswed, il-lum il-vjola għax l-iswed ma għadux jintuża fil-funzjonijiet. Anke għall-Ġimgħa l-Kbira il-knisja tagħna kien tkun imżejna bid-damask iswed. Wara li kienet toħroġ il-purċissjoni bl-istatwi tal-passjoni, s-sagristan kellu biċċa xogħol kbira ferm sabiex ineħħi d-damask iswed u floku jpoġġi d-damask l-aħmar, imn'alla li kien ikun hemm xi voluntiera li jgħinuh. Illum minn dan kollu ma għadu jsir xejn.

